

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019 — Briois vs Il-Parlament

(Kawża T-214/18) ⁽¹⁾

("Privileġji u immunitajiet — Membri tal-Parlament Ewropew — Deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità parlamentari — Rabta mal-funzjonijiet parlamentari — Ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Drittijiet tad-difiża — Responsabbiltà mhux kuntrattwali")

(2019/C 213/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Steeve Briois (Hénin-Beaumont, França) (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz u S. Alonso de León, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament P8_TA(2018)0020 tas-6 ta' Frar 2018 dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità parlamentari tar-rikorrent u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Steeve Briois għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 18.6.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Mejju 2019 — Mauritsch vs INEA

(Kawża T-271/18) ⁽¹⁾

("Servizz pubbliku — Membri tal-personal bil-kuntratt — Kuntratt għal-żmien determinat — Ċaħda inizjali mir-rikorrent tal-offerta ta' proroga tal-kuntratt — Riżenja — Riffut tad-dritt għall-allowance tal-qgħad — Responsabbiltà")

(2019/C 213/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Walter Mauritsch (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (rappreżentanti: I. Ramallo, aġent, assistit minn A. Duron, avukat)